MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Numru 32/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**Ebrehem Akil**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Ebrehem Akil ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Mohamad u Hamda, imwieled is-Sirja fil-5 ta' Jannar 1978, minghajr indirizz fiss, detentur ta' Passaport Sirjan Numru N 005398639, talli fix-xhur ta' qabel id-9 ta' Jannar 2012 f'dawn il-Gzejjer:

1. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew

stqarrija falza jew ta taghrif falz bi ksur ta’ l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Dwar xi informazzjoni li ghandha tigi moghtija skond jew ghall-finijiet ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni ta’ jew gieghel li tinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta’ fatti foloz bi ksur ta’ l-Artikolu 32 (c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Minghajr awtorità leggitima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument iffalsifikat, mehtieg ghal-finijiet ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni bi ksur ta’ l-Artikolu 32 (1) (f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Uza jew kien fil-pussess ta’ passport li huwa kien jaf li huwa imbaghbas bi ksur ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz.

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza u li r-raba’ u l-hames akkuzi huma alternattivi ghat-tielet akkuza, filwaqt li l-ewwel akkuza hija dwar il-mezz ghall-fini kontemplat fit-tielet akkuza u ghalhekk hemm assorbiment bejniethom;
Semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza u li r-raba’ u l-hames akkuzi huma alternattivi ghat-tielet akkuza, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, tar-raba’ u tal-hames akkuzi migjuba fil-konfront ta’ l-imputat, issib lill-istess imputat hati ta’ l-ewwel u tat-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, li ghandu fedina penali netta kif ukoll il-fatt li qed jikkoopera mal-Pulizija u l-assorbiment bejn l-ewwel u t-tielet akkuzi migjuba kontra tieghu, izda ma tistax ma tikkonsidrax il-gravità tar-reati li l-imputat qed jigi misjub hati taghhom u ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn (2) prigunerija. Madanakollu, billi fil-fehma Taghha fic-cirkostanzi hemm lok li l-imsemmi terminu ta’ sentejn (2) prigunerija jigi sospiz, a tenur ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tissosspendi t-terminu ta’ sentejn (2) prigunarija ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin mid-data ta’ din is-sentenza

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------